



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Frar 2017
(OR. en)

5865/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0014 (COD)

ENT 29
MI 87
CODEC 140

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14569/16 ENT 209 MI 731 CODEC 1687
Nru dok. Cion:	5712/16 ENT 20 MI 45 CODEC 103
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (L-ewwel qari) - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jirrevedi l-qafas legali għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, li jinsab fid-Direttiva Kwadru 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jeħtieġ li r-reviżjoni titqies fl-isfond tat-teknoloġiji ġodda disponibbli fis-suq u wkoll fil-kuntest ta' ġrajjiet li seħħew dan l-aħħar li jikkonċernaw l-irregolaritajiet tad-data tal-emissjonijiet mill-karozzi. Il-proposta tal-Kummissjoni tindirizza wkoll id-difetti li nstabu fil-“kontroll tal-idoneità” tal-leġislazzjoni attwali, li l-Kummissjoni għamlet fl-2013. Għaldaqstant, il-proposta tipprova wkoll tneħħi d-differenzi possibbli fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali mill-awtoritajiet u s-servizzi tekniċi nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip.

Ir-reviżjoni tal-qafas legali attwali għandha rabta qawwija mal-pakkett regolatorju tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (ESR), peress li l-pakkett jindirizza wkoll, fost l-oħrajn, il-problema tal-irregolaritajiet fl-emissjonijiet mill-karozzi.

3. Ir-Regolament propost iżomm l-għanijiet tad-Direttiva 2007/46/KE, jiġifieri l-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers fis-suq intern u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, bil-ħolqien ta' rekwiżiti armonizzati tal-approvazzjoni tat-tip. L-għan huwa li jintlaħaq livell adegwat ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali tal-vetturi bil-mutur u li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin identifikati fis-sistema eżistenti tal-approvazzjoni tat-tip. Għaldaqstant, il-biċċa l-kbira mill-elementi tad-Direttiva 2007/46/KE ġew inklużi fir-Regolament propost. Ġew introdotti bidliet sostanzjali fl-oqsma li ġejjin:
- It-itjib tal-kwalità tal-kontrolli li jippermettu li karożza titqiegħed fis-suq permezz tat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-servizzi tekniċi;
 - L-introduzzjoni ta' sistema effettiva ta' sorveljanza tas-suq biex tikkontrolla l-konformità tal-karozzi diġà disponibbli fis-suq, bil-possibbiltà għall-Istati Membri u l-Kummissjoni li jagħmlu verifiki għall-għarrieda fuq vetturi sabiex isibu n-nuqqas ta' konformità fi stadju bikri;

- It-tisħiħ tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip b' superviżjoni Ewropea akbar fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' Forum biex tinqasam l-informazzjoni dwar l-infurzar magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) eżamina l-proposta f' 16-il okkażjoni matul il-Presidenza Olandiża, Slovakka u dik Maltija.
5. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja lil din il-proposta ġiet eżaminata fid-dettall fid-9 u l-21 ta' Marzu 2016, b'attenzjoni speċjali mogħtija lil aspetti li għalihom id-delegazzjonijiet talbu aktar kjarifiki. Fuq il-bażi ta' twegħbiet għal-lista ta' kontroll ġew identifikati wkoll ċerti kwistjonijiet speċifiċi li htegu attenzjoni partikolari u diskussjoni fil-fond.
6. Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Mejju 2016 .
7. Fil-Parlament Ewropew il-komitat responsabbli ewlieni huwa l-Komitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO). Ir-relatur huwa s-Sur Daniel Dalton (ECR-UK). L-IMCO vvota dwar ir-rapport tiegħu fid-9 ta' Frar 2017.

8. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma s'issa wasslu biex:
- jiġu kkjarifikati u kkomplementati għadd ta' dispożizzjonijiet tekniċi, b'mod partikolari l-Artikoli li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet tekniċi dwar iċ-ċertifikat ta' konformità kemm fuq karta kif ukoll f'format elettroniku;
 - tiġi simplifikata s-sistema għar-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ta' tmiem is-serje;
 - jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar il-mezz li bih jiffinanzjaw kwalunkwe attività ta' sorveljanza tas-suq li jagħmlu;
 - għadd kbir ta' atti delegati nbidlu f'atti ta' implimentazzjoni.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI

9. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jagħrfu l-ħtieġa li jimmodifikaw il-qafas legali attwali. Wara li laħqu qbil informali dwar id-dispożizzjonijiet tekniċi, il-korpi ta' tħejjija tal-Kunsill issa kienu qed jindirizzaw il-kwistjonijiet politiċi ewlenin inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni.

F'Novembru 2016, l-Istati Membri ġew ikkonsultati fuq kwestjonarju tal-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq, li t-tweġibiet dwaru servew biex jikkjarifikaw il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u jidentifikaw l-oqsma ta' konverġenza possibbli bejn l-Istati Membri.

10. Jeħtieġ li ssir aktar kjarifika dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- a) Verifika tal-konformità permezz tal-Kummissjoni

F'dan l-istadju, għadd sinifikanti ta' delegazzjonijiet għadhom qed jesprimu dubji serji dwar il-valur miżjud ta' din id-dispożizzjoni u jinsistu fuq rwol ta' koordinazzjoni għall-Kummissjoni biex jinqasmu l-għarfien u l-kompetenza. Delegazzjonijiet oħra jqisu li l-Kummissjoni għandha tingħata rwol fil-verifika tal-konformità sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli fl-Istati Membri kollha.

Bħalissa, il-Presidenza qed tesplora modi differenti kif tindirizza dan ta' hawn fuq u ser tippreżenta proposta ġdida ta' kompromess f'waħda mil-laqgħat li ġejjin tal-Grupp ta' Ħidma.

b) Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar (Art. 10)

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-ħolqien ta' Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar. Hemm qbil li l-Forum għandu jkollu rwol konsultattiv dwar, fost l-oħrajn, prattika tajba, il-kooperazzjoni, l-għodod u l-miżuri ta' ħidma u fuq l-infurzar. Id-delegazzjonijiet huma maqsuma bejn dawk li jqisu l-Forum bħala pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni u dawk li jarawh bħala għodda ta' infurzar.

Id-diskussjonijiet fuq livell tal-Grupp ta' Ħidma f'Jannar 2017 għabu ċarezza dwar il-ħtieġa li tiġi speċifikata aktar il-lista ta' affarijiet li għandhom isiru mill-Forum, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu evitati interpretazzjonijiet differenti tar-rekwiżiti fost l-Istati Membri.

c) Validità taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip (Art. 33)

Il-Kummissjoni tipproponi li tillimita l-validità taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip għal ħames snin. Bosta delegazzjonijiet jiddubitaw mill-valur miżjud ta' limitazzjoni bħal din u jirrakkomandaw li tinżamm is-sistema eżistenti mingħajr ebda limitazzjoni tal-validità. Delegazzjonijiet oħra jinsistu dwar il-ħtieġa li jiġi speċifikat li ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip jiskadi wara ċertu perijodu. Il-Presidenza qed tipprova ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn dawn il-pożizzjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin tevita li toħloq piż amministrattiv eċċessiv.

d) Evalwazzjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip (Art. 71)

Element ġdid ieħor fil-proposta tal-Kummissjoni huwa l-kunċett ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. L-Istati Membri huma maqsuma bejn dawk li jarawh bħala kontribut għal aktar infurzar uniformi tar-regoli u dawk li ma jaċċettawhx għar-raġuni li joħloq piż amministrattiv mhux ġustifikat.

e) Valutazzjoni u deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi (Art. 77)

Il-Presidenza bħalissa qed tesplora l-possibbiltà li l-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali jkollhom rwol attiv fis-sorveljanza u l-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi.

IV. KONKLUŻJONI

11. Il-Presidenza għamlet sensiela oħra ta' eżaminazzjonijiet tal-Artikoli. Bħalissa qed tagħmel aktar abbozzar mill-ġdid sabiex tindirizza l-kwistjonijiet pendent. Huwa l-ħsieb tal-Presidenza li f'qasir żmien tippreżenta proposta ta' kompromess riveduta lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar il-kwistjonijiet pendent li fadal. Għaldaqstant, il-Presidenza ser titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill ta' approċċ ġenerali f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.
 12. Il-Kunsill huwa, b'hekk, mistieden jieħu nota tar-rapport ta' hawn fuq dwar il-progress li sar fl-eżaminazzjoni tal-proposta dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur.
-